# 390. Lil Ġesù Ostja

*Mużika ta' B. Tonna Barthet*

Beat 4/4 (Capo 3)

     **D**                        **G**  **D**
O Ġesù, li fiċ-ċkejkna Ostja bajda
      **A**                  **D**
Issejħilna sabiex niġu ħdejk,
     **D**          **G**           **Bm**
Nadurawk, o Sultan maħbub tagħna,
      **D**           **A**          **D**
Mixħutin għarkopptejna f'riġlejk.

         **Bm**         **G**           **Em**
***Ħeġġeġ qlubna bil-fjammi ta' mħabbtek***
         **G**            **A**        **D**
***Li minn qalbek għal qlubna ħerġin,***
         **Em**                    **G**
***Sabiex miegħek għal dejjem inkunu***
     **D**             **G**         **D**
***O Ġesù, b'għaqda sħiħa mwaħħdin.***

         **D**                    **G**  **D**
L-anġli tiegħek madwarek jgħannulek
          **A**                    **D**
L-isbaħ għana bi ġmielek mgħaxxqin,
      **D**            **G**          **Bm**
Aħna magħhom minn qalbna ngħidulek:
         **D**          **A**         **D**
"Għalik biss aħna lkoll imħeġġin". ***Rit:***

       **D**                  **G**  **D**
Lilek biss, o Ġesù, aħna rridu
           **A**                   **D**
B'qalbna nħobbu sa nibqgħu ħajjin.
          **D**            **G**          **Bm**
Għax Int biss tħobbna lilna bl-imħabba,
        **D**          **A**         **D**
Li tagħmilna għal dejjem henjin.  ***Rit:***